IL-MUNXAR

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Munxar**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 44-2018(11_01_18)**

**11 ta' Jannar 2018**

Il-Kunsill Lokali Il-Munxar iltaqa' b'urġenza fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Kunsill Lokali Il-Munxar, Triq il-Profs. Ġużè Aquilina, Il-Munxar MXR 1012, Għawdex fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Robert Mallia - Viċi Sindku
Is-Sur Damien Spiteri - Kunsillier
Is-Sur Paul Curmi - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Is-Sinjura Carmen Said - Sindku
Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Fl-assenza tas-Sindku, il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku, is-Sur Robert Mallia.

**44.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

44.1.1 Is-Sinjura Carmen Said - Sindku kienet skużata minħabba li kienet ma tiflaħx.

Is-Sinjorina Sonja Abela - Kunsillier kienet skużata minħabba li kellha impenji ta' xogħol.

## 44.2 Il-Karnival fil-Munxar 2018

44.2.1 Din is-sena l-Karnival fil-Munxar ser isir is-Sibt, 10 ta' Frar 2018 f'nofsinhar. Din is-serata ser issir fil-Pjazza tal-Knisja u ser tkun ippreżentata mis-Sur Alvin Scicluna. Ser ikun hemm danez mit-tfal tal-iskejjel, danez minn gruppi tal-kbar, maskeruni u danez *hilarious*. Ġie deċiż li l-*budget* għall-Karnival ta' din is-sena ma jaqbiżx is-somma ta' €3,500.

Il-Kunsill ser jieħu ħsieb li din is-serata tkun inxurjata. Ser jitqabbdu erba' uffiċjali tas-siġurtà sabiex jiġi żgurat li jkun hemm sigurtà għall-pubbliku.

## 44.3 Tmiem tal-Laqgħa

44.3.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.05 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar 2018 u fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 23 ta' Jannar, 2018

| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
|---|---|
| Robert Mallia<br>Viċi Sindku | Anthony Grech<br>Segretarju Eżekuttiv |